VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,273, 1 ta' Lulju, 2014
Taqsima B

A.L. 224 tal-2014

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)
Ordni tal-2014 li jemenda l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru, għall-finijiet speċifikati fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu, għamel l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2014 li jemenda l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u dan l-Ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda A". Kap. 12.

Jemenda l-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

2. L-Iskeda A għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu (7) tal-partita 3 tat-Tariffa A tagħha, minflok il-kliem "F'każ ta' appelli ppreżentati skont xi liġi oħra li għalihom ma jkunx hemm stabbilit dritt skont dik il-liġi, id-drittijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu ma japplikawx iżda jitħallas dritt ta' darba ta'", għandhom jidħlu l-kliem "F'każ ta' appelli ppreżentati skont xi liġi oħra li għalihom ma jkunx hemm stabbilit dritt skont dik il-liġi, inklużi appelli ppreżentati skont l-artikoli 41 u 75 tal-Kapitolu 504, id-drittijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu ma japplikawx iżda jitħallas dritt ta' darba ta'"; u

(b) fil-paragrafu (b) tal-partita 15 tat-Tariffa E tagħha, minnufih wara l-kliem "imposta jew dazju" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew għal appelli ppreżentati skont l-artikoli 41 u 75 tal-Kapitolu ".